## 15 ta' Diċembru, 1955

**Imħallef:**
**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Carlo Moore ne.
*versus*
Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Carmelo Falzon et.

### Ċitazzjoni — Kawżali — Eżekutur Testamentarju — Amministratur — Illeġittimità tal-Persuna — Danni — Art. 155(1) tal-Proċedura Ċivili

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi ċ-ċitazzjoni għandha jkollha fiha mfissra ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba rċeviet fil-ġurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma ġiex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem li bihom dik id-dispożizzjoni hi konċepita; għalhekk ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikulari kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni; basta jkun jiftiehem x'ikun qiegħed jitlob l-attur. B'mod illi l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anki ndotta mid-domanda.*

*L-eżekutur testamentarju "ut sic" ma għandux, fost l-attribuzzjonijiet tiegħu, dik li jirrappreżenta l-wirt; imma jista' validament jagħmel u jikkontesta kawżi in konnessjoni u biex jaqdi biss l-attribuzzjonijiet lilu mogħtija mit-testatur. Imma, bħala amministratur tal-wirt, hu jista' jagħmel biss atti ta' sempliċi amministrazzjoni tas-sustanzi ereditarji, fosthom ir-riparazzjoni tal-immobili, anki ta' natura straordinarja. Anzi dan mhux biss huwa dritt tiegħu, imma hu veru obligu; bil-konsegwenza li hu jista' jirrappreżenta anki ġudizzjalment dak il-patrimonju f'dak kollu li jidħol fl-amministrazzjoni u konservazzjoni tas-sustanzi kollha li jikkomponu l-assi.*

*Il-liġi tagħti d-dritt u l-azzjoni għar-riżarċiment tad-danni mhux biss lil min ikun milqut direttament u jkun il-vittima prinċipali tal-ħsara, iżda anki lil min ikun sofra ħsara indirettament u lil kull min ikun sofra ħsara mill-fatt dannuż; u għalhekk, min jippretendi li sofra ħsara bi ħtija ta' persuna oħra, jista' jazzjona lil dik il-persuna avvolja ma jkollux ebda rapport ġuridiku magħha.*

Il-Qorti; Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara d-dikjarazzjonijiet oħra u l-provvedimenti meħtieġa, billi l-konve-

*nuti, fost xogħolijiet oħra fil-fond 32 Immaculate Conception* Street, Qormi, inkarikaw ruħhom mit-tisqif ta' waħda mill-kmamar interni tal-fond imsemmi, amministrat mill-attur Dr. Moore u okkupat mill-attriċi Paola Bugeja; u illi wieħed mit-travi mqegħdin f'din il-kamra inqasam, u x-xorok li kienu fuqu waqgħu u sfundraw is-saqaf tal-fond sottopost no. 34 Immaculate Conception Street, Qormi, ta' proprjeta' tal-attur George Debono, u b'hekk saret ħsara konsiderevoli fiż-żewġ fondi; u billi l-imsemmi George Debono. *b'ittra uffiċjali tas-17 ta' Frar 1955, interpella lill-*attur Dr. Carlo Moore biex jagħmel fi żmien erbgħa tijiem it-tiswijiet meħtieġa (dok.A); talbu li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment jirriparaw għas-spejjeż tagħhom, fiż-żmien li jiġi lilhom fissat minn din l-Onorabbli Qorti, id-danni kaġunati fiż-żewġ fondi riferiti, billi jagħmlu x-xogħolijiet neċessarji taħt is-sorveljanza ta' perit tekniku nominat mill-istess Qorti; u fin-nuqqas, l-atturi jiġu awtorizzati jagħmlu għas-spejjeż tal-konvenuti x-xogħol mitlub. Bl-ispejjeż, *kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu* 1955, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepit difett ta' kawżali fiċ-ċitazzjoni:

Illi, skond l-art. 155 (1) Proċ. Ċiv., "iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur, u għandha jkun fiha, imfissrin ċar u sewwa, l-oġġett u r-raġuni tat-talba". Dina d-dispożizzjoni rċeviet fil-ġurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens *li ma ġiex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem* li bihom id-dispożizzjoni hija konċepita, u għalhekk ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikulari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni; biżżejjed jiftiehem x'jkun qiegħed jitlob l-attur; b'mod illi l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anki ndotta mid-domanda (Kollez. XXXIV-I-501; XXXIX-I-431; u XXXII-I-228):

Illi l-konvenuti bbażaw l-eċċezzjoni tagħhom fuq "li ċ-*ċitazzjoni ma tikkontjenix ebda kawżali li tista' tixħet* ir-responsabbiltà talli ġara fuq il-konvenuti, u fuq li ma tikkontjenix ebda talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà

tal-konvenuti" (ara dikjarazzjoni fol. 6 tergo proċ.); u fit-trattazzjoni orali d-difensur irriepiloga n-nuqqas ta' kawżali filli l-atturi ma ndikawx għaliex saret il-ħsara. Fiċ-ċitazzjoni l-atturi ppremettew illi "il-konvenuti .......... inkarikaw ruħhom mit-tisqif ta' waħda mill-kmamar interni tal-fond nru. 32 Immaculate Conception Street, Qormi, ...... wieħed mit-travi mqegħdin f'din il-kamra nqasam, u x-xorok li kienu fuqu waqgħu u ħrandaw s-saqaf tal-fond nru. 34 fl-istess triq, proprjetà tal-attur George Debono, u b'hekk saret fiż-żewġ fondi ħsara konsiderevoli"; u mbgħad l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment jirriparaw għas-spejjeż tagħhom .. ... id-danni kaġunati fiż-żewġ fondi, billi jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji . ... u fin-nuqqas l-atturi jiġi awtorizzati jagħmlu għas-spejjeż tal-konvenuti x-xogħol mitlub",

Minn dana jidher li l-atturi qegħdin jattribwixxu l-ħsara li grat għall-fatt tal-konvenuti, tant li jirritjenuhom responsabbli solidament, u din ir-responsabbiltà tiddeiva mill-fatt ukoll illi l-konvenuti assumew ix-xogħol fil-fond nru. 32, sovrappost għall-fond l-ieħor nru. 34. Ma kienx hemm bżonn li tintalab deklaratorja espliċita ta' responsabbiltà, għaliex dina tinsab involuta fit-talba għal-kundanna biex il-konvenuti jirriparaw id-danni. Lanqas kien meħtieġ li jiġi ndikat għaliex saret il-ħsara, għaliex dana jifforma oġġett tal-meritu tal-kawża. Huwa importanti illi mill-kumpless tirriżulta attribwita lill-konvenuti ħtija fl-eżekuzzjoni tax-xogħol minnhom assunt; il-fatt speċifiku li ddetermina l-ħsara jista' biss jinfluwixxi fuq il-meritu, fis-sens li, jekk ta' dak il-fatt ma jkunux responsabbli l-konvenuti, dawn jiġu liberati; mentri jekk dak il-fatt ikun dovut għall-ħtija tagħhom, jiġu kundannati. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, iċ-ċitazzjoni ma tidherx nieqsa mill-kawżali; u għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti mhix sostenibbli;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Avukat Dr. Carlo Moore;

Illi, bħala prinċipju, huwa veru illi l-eżekutur testamentarju "ut sic" ma għandux, fost l-attribuzzjonijiet tiegħu dik li jirrappreżenta l-wirt; huwa veru wkoll li huwa jista' jagħmel u jikkontesta validament kawżi in konnessjoni u

biex jaqdi biss l-attribuzzjonijiet lilu mogħtija mit-testatur (Kollez. XXXIII-I-303). Għalhekk jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, fil-każ partikulari, l-attur Dr. Moore huwiex legalment intitolat jagħmel din il-kawża;

Illi b'testment tas-26 ta' April, 1933, fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi, li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 16 tal-proċess, Giuseppe Borg innomina lil Michele Debono eżekutur *testamentarju u amministratur ta'* l-assi tiegħu; *wara li kien ġie konfermat* f'dik il-kwalità, l-imsemmi Debono talab li jiġi eżonerat, u l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, b'digriet tat-18 ta' Mejju, 1937 (fol. 20), laqgħet it-talba u nnomina flokku lill-Avukat Carlo Moore, bl-obligu li jiggarantixxi bl-ipoteka ġenerali d-dmir tiegħu li jamministra tajjeb il-patrimonju ereditarju u jirrendi kont skond il-liġi; liema obligazzjoni ġiet minnu assunta u adempita, kif jidher in kalċe għad-digriet ġa riferit;

*Illi, apparti dak li sejjer jingħad il-quddiem, l-attur Dr.* Moore *qiegħed jaġixxi* anki bħala amministratur ta' l-assi ereditarju ta' Giuseppe Borg; u f'dina l-kwalità ġiet lilu affidata, u lilu tikkompeti, l-amministrazzjoni tal-wirt, u fiha hemm insita l-konservazzjoni u l-miljorament tas-sustanzi li jikkomponu l-istess wirt. Huwa, għalhekk, bħal min irċieva mandat konċepit bi kliem ġenerali, jista' jagħmel biss attijiet ta' sempliċi amministrazzjoni (arg. art. 1965(1) Kod. Ċiv.), *li indubbjament* jikkomprendu l-attijiet *kollha li għandhom bħala skop* il-konservazzjoni tas-sustanzi *ereditarji, u fosthom* ir-riparazzjoni ta' l-immobili, anki ta' natura straordinarja, għaliex anki dawn ir-riparazzjonijiet huma ntiżi biex jikkonservaw l-immobili u jimpedixxu li jirvina ruħu (ara f'dan is-sens Laurent, Diritto Civile, Vol. XXII, § 129). Anzi dan fl-amministratur mhux biss huwa dritt, imma veru obligu; għaliex jekk huwa ma jeżerċitahx, jiġi jonqos *mid-dmir tiegħu* fondamentali li jikkonserva u *li, għall-bżonn, iġib* il-quddiem il-patrimonju li jkun jamministra; *bil-konsegwenza* illi huwa għandu l-poter *li jirrappreżenta,* anki ġudizzjarjament, dak il-patrimonju f'dak kollu li jidħol fl-amministrazzjoni u konservazzjoni tas-sustanzi kollha li jikkomponuh;

Illi, barra minn dan, il-liġi kkonferiet lill-eżekutur tes-

tamentarju "ut sic", anki fil-pendenza tal-proċedura għall-konferma tiegħu, il-poter li jagħmel dak li hu meħtieġ biex l-assi jiġi konservat (art. 807 Kod. Ċiv.);

Illi, fil-fatt, l-oġġett tal-kawża huwa r-riparazzjoni ta' wieħed mill-fondi amministrati mill-attur Dr. Moore, u għalhekk l-azzjoni ġiet minnu eżerċitata sewwa; u għaldaqstant l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna opposta mill-konvenuti mhijiex sostenibbli;

Ikkunsidrat, fl-aħħarnett, dwar it-tieni eċċezzjoni, li ċjoè l-atturi l-oħra ma għandhomx ebda rapport ġuridiku mal-konvenuti;

Illi ma jidherx kontestat li l-attur Debono huwa l-proprjetarju tal-fond sottopost għal dak tal-mejjet Giuseppe Borg, li sofra l-ħsara minħabba li waqa' s-saqaf tal-kamra tal-fond sovrappost; lanqas ġie negat li l-attriċi Paola Bugeja hija l-inkwilina jew okkupanti tal-fond amministrat minn Dr. Moore; u lanqas ġie kontestat li dawn iż-żewġ atturi sofrew ħsara meta waqa' s-saqaf fuq imsemmi. Issa, hu prinċipju sanċit fil-liġi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (art. 1074 Kod. Ċiv.); u l-atturi jippretendu preċiżament illi l-ħsara li sofrew ġrat bi ħtija tal-konvenuti, u għalhekk, apparti x'sejrin ikunu r-riżultanzi fil-meritu, sewwa ħarrku lilhom bħala responsabbli ta' dik il-ħsara. Il-fondament, infatti, tar-riżarċiment tad-danni huwa l-illeċejità ta' l-att li minnu jidderivaw dawk id-danni, indipendentement mill-eżistenza ta' kull vinkolu jew rapport ieħor preċedenti. Jgħid Pietro Cogliolo, fil-monografija tiegħu fuq id-"Danno": "Il fondamento per il quale si obbliga il danneggiante a risarcire il danno è l'illiceità dell'atto che produsse il danno ...... Quando fra due persone non esisteva nessun vincolo precedente, se una di esse per sua colpa arrecò danno all'altro non vi può essere altra via che quella di obligarla al risarcimento di tutto il danno" (Digesto Italiano, voce citata, § 10);

Għalhekk il-liġi tagħti d-dritt u l-azzjoni tar-riżarċiment mhux biss lil min ikun milqut direttament u jkun il-vittima prinċipali tal-ħsara, iżda anki lil min ikun sofra ħsara indirettament u lil kull min ikun sofra dannu mill-fatt dannuż. "Può chiedere i danni e interessi", jgħid Giorgi,

"ogni persona su cui sia andato a ricadere il danno, quand'anche *non rappresenti* la vittima principale e diretta del fatto illecito" (*Obligazioni*, Vol. V. § 188). Minn dana, jikkonkjudi l-istess awtur, "l'azione in risarcimento ...... può proporsi contro tutti coloro che hanno co-operato, attivamente o passivamente, sia moralmente sia fisicamente, sia *in modo diretto* sia in modo indiretto, al danneggiamento, purchè tra il loro fatto od *omissione da un canto*, ed il danno verificato dall'altro, esista la connessione logica di causa e di effetto" (op. cit., § 191, pag. 133), *identiku hu* l-insenjament ta' Baudry-Lacantinerie (Obbligazioni, Vol. IV, § 2883), Laurent (Diritto Civile, Vol. XX, § 534), u Chironi (Colpa Extra-Contrattuale, Vol. II, § 486);

Illi, madarba l-atturi Bugeja u Debono jippretendu li l-ħsara soffrewha ħtija tal-konvenuti, l-azzjoni, almenu fil-forma tagħha, ġiet sewwa diretta kontra l-konvenuti, u mhux kontra dawk il-persuni li magħhom jistgħu jkollhom rapporti skond il-liġi. Konsegwentement, anki din il-preġudizzjali tal-konvenuti hija mingħajr bazi;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-ewwel, it-tieni, u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tiddifferixxi l-kawza għat-trattazzjoni fil-meritu għall-udjenza tas-7 ta' Jannar, 1956.